MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1428/2010

**Go Plc (C-22334)**
**Vs**
**Cecilia Gatt (K.I. 784452M)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ tmien mija, tnejn u erbghin ewro u tlettax-il centezmu (€842.13) rapprezentanti bilanc ta’ prezz dovut mill-istess konvenuta lil Go plc, li precedentement kienet topera taht l-isem ta’ Maltacom plc in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bin-numri 2164 2822, 2180 9919 u 1425055168 (CN1038225 – AC10168785 u 40095476) mibghuta lilha u skont kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mat-talba mmarkati dokumneti A, B, C, D, E, F u G.

Illi l-konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghal hlas, izda l-konvenuta baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza .

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notfikata.

Ra li l-konvenuta naqset li tidher ghas-seduta tal-lum.

Illi gie pprezentat kapitolu quddiem it-Tribunal fis-seduta tad-29 ta’ Novembru, 2010 mill-Avukat Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

It-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------